



Brussell, 28 ta' Novembru 2016
(OR. en, de, es)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0277 (COD)

13505/1/16
REV 1 ADD 1 REV 1

LIMITE

AVIATION 215
CODEC 1490
RELEX 867

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru. dok. preċ.:	13505/1/16 REV 1 AVIATION 215 CODEC 1490 RELEX 867
Nru dok. Cion:	14991/15 AVIATION 152 CODEC 1667 RELEX 1014 + ADD 1-5
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-verżjoni riveduta tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn BE, DE, ES, UK u l-Kummissjoni fil-laqgħa tal-COREPER tas-16 ta' Novembru 2016, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-COREPER/Kunsill.

A. Artikolu 123-2-4: Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008

“Il-BE tista’ tappoġġa l-intenzjoni ta’ kjarifika magħmula mill-proposta għall-Artikolu 123 tar-reviżjoni tal-BR sabiex il-(KE) 1008/2008 jinftehem aħjar fir-rigward tal-operazzjoni ta’ inġenju tal-ajru rreġistrat f’pajjiż terz. Madankollu, b’kont meħud tar-rekwiżiti severi ferm fuq l-applikanti Ewropej u l-ammont ta’ xogħol addizzjonali fuq l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni (NAAs) tal-Istati Membri f’każ tal-approvazzjoni kumplessa u mhux fattibbli tal-kiri bl-ekwipaġġ ta’ inġenju tal-ajru ta’ operatur ta’ pajjiż terz kif stabbilit fir-Regoli attwali ta’ Implimentazzjoni IR OPS (EU) 965/2012 ORO.AOC.110 (c) (2) “Ftehim ta’ kiri”, il-BE tipproponi li l-kiri bl-ekwipaġġ ta’ inġenju tal-ajru ta’ pajjiż terz ikun indirizzat u vvalutat minn NAA biss meta ftehim internazzjonali jkun ġie konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz. **Il-BE tiegħu nota tal-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni li l-miżuri previsti skont l-Artikolu 57(1)(b) jistgħu jkopru l-aċċettazzjoni ta’ ċertifikati u ta’ dokumentazzjoni rilevanti oħra ta’ pajjiż terz għall-fini ta’ kiri bl-ekwipaġġ li jinvolvi operaturi tal-ajru minn pajjiż terz.”**

B. Anness 1: Inġenji tal-ajru msemija fl-Artikolu 2(3)(d)

Il-BE ma tappoġġax il-modifika speċifika li ġejja tal-Anness 1: (e) MTOM 350kg/500kg għall-Ajruplan tal-art u (f) Ħelikopters marbuta ma’ Ġiroplani, kif stabbilit fid-Dokument tal-Kunsill b’Referenza: 13505/16 ADD 2, 9 ta’ Novembru 2016 (il-BE kienet kontra l-introduzzjoni tal-Ġiroplani ta’ 560kg fl-Anness 2 attwali tal-(UE) 216/2008).

Tassew, ma teżisti ebda valutazzjoni tal-impatt argumentata oġġettiva fir-rigward tas-sikurezza (dan huwa kuntrarju għall-premessi (1)-(3)-(4)) li tappoġġa din il-modifika proposta oriġinarjament minn erba' Stati Membri mingħajr ebda valur miżjud fir-rigward tas-sikurezza. Barra minn hekk, din il-modifika ser ikollha impatt negattiv bħaż-żieda tal-ammont tax-xogħol għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni (NAAs), impatt negattiv fuq il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE bl-implimentazzjoni ta' 28 regolament nazzjonali differenti, u effett negattiv fuq is-sopravivenza tal-passiġġieri f'każ ta' inċident jew atterraġġ brutali, ... Skont il-prinċipju maqbul ta' "dikjarazzjoni" u l-Artikolu 2-4-(a) rispettivament, jeżisti strument fil-BR biex Stat Membru jaċċetta dikjarazzjoni jew jitlob lill-EASA biex tiċċertifika inġenju tal-ajru itqal minn 450kg abbażi tar-regoli ta' implimentazzjoni eżistenti (IR) CS-VLA jew CS-LSA, u l-Artikolu 126-2a l-ġdid (appoġġat mill-BE) jipprevedi aġġornament ta' dawn l-IR għal regoli dwar l-isport u dawk rikreazzjonali fi ħdan sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-Ħelikopters/il-Ġiroplani, għandu jkun innotat li l-mekkaniki rispettivi tat-titjir huma differenti u għaldaqstant dan iż-żewġ tipi ta' inġenji tal-ajru jistgħu ma jkunux assimilati b'mod konġunt fir-Regolament.

Il-BE tappoġġa l-verżjoni konsolidata tal-Anness 1 kif stabbilita fid-dokument tal-Kunsill 13219/16 ADD 1 Rev 1 (Aviation 206, Codec 1435, Relex 835) datata 28 ta' Ottubru 2016 (Fajl interistituzzjonali 2015/0277 (COD)): (e) MTOM 300kg/450kg għal ajruplan tal-art/ħelikopter/paraxut bil-mutur/gliders bil-mutur, (f) ġiroplani 560kg."

* * *

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li għandha tiddaħħal fil-minuti

Fl-okkażjoni tal-Kunsill TTE tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Fil-prinċipju, il-Gvern Federali jilqa' l-oġġettiv tal-proposta għal regolament u l-progress li sar s'issa fin-negozjati. Dan jirreferi għal adegwatezza msaħħa tar-regoli u b'hekk għat-titjib tal-effiċjenza ekonomika f'negozji u kumpaniji kif ukoll għat-titjib tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Ewropa.

Madankollu, bħal qabel bl-aġenziji l-oħra tal-UE, il-Gvern Federali jirrifjuta l-possibbiltà li jiġi estiż il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv b'sa ħames snin, kif previst fl-Artikolu 92(4). Dan, peress li l-eżerċitar ta' mandat ta' minn tal-anqas għaxar snin jitlob obbligi finanzjarji konsiderevoli għall-aġenzija f'konformità mal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li għandhom jiġu evitati, anki fir-rigward tal-ispejjeż sostanzjali tal-pensjoni tal-irtirar li UE trid iġġorr (fl-2015: 64 biljun euro). Għaldaqstant, il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun iqsar.

Fir-rigward tal-Artikolu 109(5) tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Ġermanja tfakkar fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, dwar l-ipprogrammar tar-riżorsi umani u finanzjarji għal aġenziji deċentralizzati fil-perijodu 2014-2020, li biha ġiet implimentata deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern mis-7 sat-8 ta' Frar 2013, u li skontha ma ssir l-ebda distinzjoni bejn l-attivitajiet u l-pożizzjonijiet iffinanzjati permezz ta' tariffi u dawk iffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-Ġermanja tikkunsidra lilha nnifisha marbuta b'dan u b'hekk il-qbil tagħha mal-formulazzjoni attwali ma għandux jittqies bħala preċedent għall-bażi / reviżjoni futura tal-atti kostituttivi ta' aġenziji, u titlob lill-Kummissjoni biex tqis dan fil-ġejjieni meta tkun qiegħda tħejji proposti komparabbli.

Huwa importanti għall-Ġermanja li, fid-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artikolu 76, intlaħaq kunsens li l-attivitajiet tal-EASA fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni għandhom ikunu limitati għal aspetti li fihom ikun hemm sovrappożizzjoni tas-sigurtà u s-sikurezza tal-avjazzjoni.

* * *

Dikjarazzjoni Spanjola b'rabta mal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

“Spanja tfakkar li l-leġislazzjoni Ewropea hija, tassew, applikata għat-territorju li għalih huma applikati t-Trattati, skont l-Artikoli 52 TUE u 355 TFUE, iżda li fil-każ tal-ajruport ta' Ġibiltà hemm kunflitt dwar is-sovranià tat-territorju li fih jinsab l-ajruport (l-Isthmus, territorju mhux ċedut lir-Renju Unit fit-Trattat ta' Utrecht). L-eżistenza ta' dan il-kunflitt bejn żewġ Stati Membri, rikonoxxuti mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja nnifisha, trendi impossibbli d-determinazzjoni tal-awtorità leġittima responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni msemmija għall-ajruport ta' Ġibiltà u tagħmel obligatorja s-sospensjoni tal-applikazzjoni msemmija sakemm jintlaħaq qbil f'dan ir-rigward bejn iż-żewġ Stati Membri.”

* * *

Dikjarazzjoni ta' minuti tar-Renju Unit

“Ir-Renju Unit jixtieq jirringrazzja lill-Presidenza għall-ħidma iebsa tagħha fuq dan il-fajl. Din hija kwistjoni tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE għal Ġibiltà. Ir-Renju Unit jinnota li l-Artikolu 355(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li "Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati għandhom japplikaw għat-territorji Ewropej li r-relazzjonijiet barranin tagħhom huma r-responsabbiltà ta' Stat Membru", u li dawn it-territorji jinkludu l-Ġibiltà. Peress li l-leġislazzjoni dwar l-avjazzjoni ma taqax fi ħdan waħda mill-esklużjonijiet għall-applikazzjoni tad-dritt tal-UE f'Ġibiltà previsti fl-Att ta' Adeżjoni tal-1972 tar-Renju Unit, ir-Renju Unit jikkunsidra li bħalissa ma hemm ebda bażi fil-liġi li tippermetti l-esklużjoni jew is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-avjazzjoni għal Ġibiltà.

Din il-pożizzjoni ġiet rikonoxxuta bil-Ftehim ta' Cordoba tal-2006 bejn ir-Renju Unit, Ġibiltà u Spanja li fih Spanja (mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha dwar is-sovranià ta' Ġibiltà) impenjat ruħha li ma tkomplix tfittex is-sospensjoni tal-Ajruport ta' Ġibiltà mil-leġislazzjoni tal-UE dwar l-avjazzjoni. Ir-Renju Unit u Ġibiltà jkomplu jissodisfaw dan il-ftehim.

Ir-Renju Unit ikompli jkun kostruttiv iżda ma jkunx kapaċi jaċċetta test li jmur kontra t-Trattati tal-UE u jissospendi l-applikazzjoni għal Ġibiltà.

Il-Gvern tar-Renju Unit jinsab kunfidenti dwar is-sovranià tar-Renju Unit fuq Ġibiltà kollha kemm hi.”

* * *

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikabbiltà għall-ajruport ta' Ġibiltà tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

“Dwar il-kwistjoni jekk din il-proposta tistabbilixxi obbligu għal awtorità pubblika li hija responsabbli għal attivitajiet li jseħħu fl-ajruport ta' Ġibiltà jew fuqu, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li t-test attwali tal-Kunsill għal Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma jbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli rilevanti, meta mqabbel ma x'kien il-każ skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, f'dak li għandu x'jaqşam l-ajruport ta' Ġibiltà. Għaldaqstant dan mhux ser jistabbilixxi xi obbligu għal awtorità pubblika li tkun responsabbli għall-attivitajiet li jseħħu fi jew fuq dak l-ajruport.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll fin-newtralità tagħha fit-tilwima bejn ir-Renju Unit u Spanja dwar il-kwistjoni tas-sovranità tat-territorju fejn jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà u jiddispjaċiha li din il-kwistjoni qed iddewwem il-progress fuq diversi fajls tal-avjazzjoni fil-Kunsill.”